MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 23/2005/1

**Emanuel Camilleri**

**vs**

**Direttur ta' l-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Emanuel Camilleri li jghid:

"Illi huwa ghadu kif gie notifikat b'att gudizzjarju bid-data tal-24 t'Ottubru, 2005 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' elf lira (Lm1,000) ghal xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjoni art fil Gudja tal-kejl ta' madwar mitejn u seba' u erbghin metru kwadri (247m2) li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofsinhar ma' triq pubblika u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Joseph Farrugia u ohrajn jew irjieh verjuri kif imsemmija fl-Avviz numru 432 ta' 27 t'April, 2005.

Illi l-esponent mhuwiex qed jaccetta dina l-offerta u qieghed jindika is-somma ta’ disat elef, erba’ mija u erbghtax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm9,414.71) skond stima maghmula mill-perit Joseph Mangion datata 5 ta’ Novembru, 2005 kopja annessa bhala Dok B.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilu u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a’ tenur tal-Artiklu 22 Kap. 88.”

Ra r-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li jghid:

“Illi huwa kien notifikat bir-rikors datat 9 ta’ Novembru, 2005 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent oggezzjona ghall-valur offrut lilu mill-Gvern ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ porzjon ta’ art tal-kejl ta’ 247 metri kwadri gewwa l-Gudja, liema art giet espropprijata permezz tal-Gazzetta tal-Gvern numru 432 tas-27 t’April, 2005 u qieghed jippretendi li l-kumpens gust ghandu jkun dak ta’ disat’elef, erba’ mija u erbatax-il lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm9,414.71c);

Illi dina l-art giet kklasifikata bhala agrikola u dan ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-esponent qieghed jibqa’ jsostni illi l-valur gust tal-art espropprijata huwa dak ta’ elf Lira Maltin (Lm1,000) u cioe’ dak l-ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 432 fuq imsemmija, hekk kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta’ elf Lira Maltin (Lm1,000) bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrent ghall-espropprijazzjoni tal-art fuq imsemmija.”

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti l-AIC Renato La Ferla u AIC Joseph M Jaccarini u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

Ghaldaqstant l-esponenti Membri Teknici tal-Bord wara li l-fatturi kollha nvoluta u l-fatti li l-art ittiehdet ghall-formazzjoni ta' Triq li sservi l-bini li hemm fuq naha wahda taghha, jidrilhom li l-art ghandha tigi kkonsiderata bhala wahda fabbrikabbli u ghalhekk il-valur taghha bbazat fuq il-prezz tal-art f'dan il-lokal, fid-data tal-Avviz, ghandu jkun ta' erba' u erbghin elf, erba' mija u sitta u erbghin liri ta' Malta  Lm44,460.00

Illi l-ammont ta' Lm44,460.00 illum jammonta ghall-Euro 103,563.94;

Illi l-perit arkitett tad-Direttur tal-Artijiet kien wasal ghall-istima irruzorja, anzi, jazzarda jghid dan il-Bord, redikola, ta' Lm1000 filwaqt l-perit arkitett tar-rikorrenti kien wasal ghall-istima ta' Lm9,414,71.00 oltre spejjez ta' telf ta' wicc, izda  ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilu ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjoni art fill-Gudja tal-kejl ta' madwar mitejn u seba' u erbghin metru kwadri (247m2) li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofsinhar ma' triq pubblika u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Joseph Farrugia u ohrajn jew irjieh verjuri kif imsemmija fl-Avviz numru 432 ta' 27 t'April, 2005, liema art qed tkun dikjarata fabbrikabbli, fl-ammont ta' **Euro 103,563.94** oltre l-imghax ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88;.  Jordna lid-Direttur

tal-Artijiet ihallas din is-somma u imghax relattiv lir-rikorrent.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------